Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 199 :: DIĊEMBRU 2012

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com



*Il-President u l-Kumitat*
*tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria*
*jixtiequ lill-membri kollha u l-familji tagħhom*
*u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*
*Milied Hieni u Qaddis*
*u Sena Ġdida*
*mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*

# IL-LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI TAL-G.L.M.

**Il-Grupp Letteratura Maltja tal-Victoria kellu l-Laqgħa Annwali Ġenerali nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Novembru fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti, Parkville.**

Madwar 12-il membru kienu preżenti għal din il-laqgħa importanti. Kien hemm xi apoloġiji minn membri li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux jattendu.

Wara talba minn Fr Dom Degiorgio, il-laqgħa bdiet bil-qari tal-Minuti tal-aħħar Laqgħa Annwali Ġenerali mis-Segretarja Rosemary Attard. Wara dan, it-Teżorier, Ray Anastasi, qara ir-Rapport Finanzjarju tal-Grupp għal dawn l-aħħar 12-il xahar.

Imbagħad kien imiss lill-President, it-Tabib Victor Sammut, biex jagħtina r-rapport tas-sena. Huwa qalilna li kull xahar inżommu l-laqgħa tagħna kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar fejn wara li l-membri jsiru jafu x'inhu jiġri, kulħadd ikollu ċans jaqra xi kitba tiegħu jew ta' ħaddieħor. Huwa kompla billi qalilna li matul is-sena tlifna xi għeżież tagħna, fosthom il-membru Joe Schembri, Solina Zerafa, omm il-membru tagħna Nazzarene Zerafa li joqgħod Queensland, u Doris Rizzo, li tiġi omm il-Viċi-President tagħna, Marie Louise Anastasi. Kellna ħafna attivitajiet, fosthom il-Festin tal-Milied għand il-ħbieb membri tagħna, Frank u Draga Bonett, f'Novembru tas-sena li għaddiet u l-Programm Mużiko-Letterarju f'Settembru li għadda. Il-President semma l-Folju tagħna li jżomm il-membri u l-ħbieb tal-Malti madwar id-dinja, infurmati b'dak li nagħmlu u xi tagħrif dwar dak li jkun qed jiġri hawn u f'Malta li għandu x'jaqsam ma' l-Ilsien Malti.

Il-membru tagħna Rose Lofaro tat prosit lill-Kumitat li baqa' jaħdem matul is-sena anki forsi meta xi membri ma setgħux jattendu. Minn naħa l-oħra, il-PRO, Paul Vella, irringrazzja lil Rose Lofaro tal-għajnuna tagħha fil-qari tal-provi tal-Folju.

Wara dawn il-formalitajiet, il-Kumitat ħalla l-mejda biex jinħatar kumitat ġdid. Is-Sur Charles Belli ħa s-siġġu u għamilha ta' Riċevitur, u qara n-nominazzjonijiet: President, Tabib Victor Sammut; Viċi-President, Marie Louise Anastasi; Segretarja, Rosemary Attard; Teżorier, Ray Anastasi; PRO, Paul Vella; u Organizzatur Soċjali, Salvina Vella.

Il-laqgħa spiċċat b'riċeviment ħafif fejn kien hemm pastizzi, kejks, imbid u xorb minerali, te u kafe`. Grazzi lil Charles Belli li għamilha ta' Riċevitur. *(Ritratt fuq il-lemin)*





**Il-Kumitat il-ġdid tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria 2012-2013. Quddiem, mix-xellug għal-lemin: Ray Anastasi (Teżorier), Rosemary Attard (Segretarja), Dr Victor Sammut (President), Marie Louise Anastasi (Viċi-President). Wara: Paul Vella (PRO), Salvina Vella (Organizzatur Soċjali)**



**Membri li kienu preżenti: Quddiem, mix-xellug għal-lemin: Fr Dom Degiorgio, Charles Attard, Frank Bonett, Salvina Vella, Dr Victor Sammut, Rose Lofaro, Marie Louise Anastasi. Wara, mix-xellug għal-lemin: Paul Vella, Rosemary Attard, Ray Anastasi, Joe Lofaro u Laurie Armato.**

*Ktieb ġdid ippubblikat minn Klabb Kotba Maltin:*

## IL-KULTURA MALTIJA ta' Fiona Mallia

***(Fiona Mallia tiġi n-neputija ta' Paul u Salvina Vella u hija għalliema f'De La Salle College, Bormla)***




Il-bniedem huwa riżultat tal-ambjent li jgħix fih u tan-nies li jagħmilha magħhom. Għalhekk, kull pajjiż għandu l-kultura distinta tiegħu, li tinbidel maż-żmien minħabba taħlit, stil ta' ħajja u influwenzi differenti. Il-**Kultura Maltija** hija xempju ta' dan: il-fatt li Malta għaddiet minn taħt ħakmiet differenti b'kulturi differenti, dan wassal biex il-kultura tagħna tiżżewwaq bi tradizzjonijiet barranin. Dan jidher minn sempliċiment ħrafa jew xi ħaġa tajba għal żaqqna!

Dan il-ktieb, miktub minn Fiona Mallia, janalizza ħafna mill-aspetti kulturali Maltin, mill-ibgħad żminijiet sal-lum. B'dan il-mod, wieħed jista' jkollu idea ċara ta' kif żviluppaw xi drawwiet, xogħlijiet u passatempi, filwaqt li jsir konxju li dak li aħna llum huwa riżultat tal-kultura tal-imgħoddi li nbidlet skont iċ-ċirkustanzi taż-żmien.



**Fiona Mallia**

Skont Prof. Oliver Friggieri: *"It-tagħrif dwar tant oqsma varji tal-ħajja Maltija hu mogħti mhux biss b'ħila imma wkoll bi mħabba, b'rispett, bi stil komunikattiv li jwassal lill-qarrejja biex issa mhux biss ikunu jafu aktar dwar Malta, imma wkoll u fuq kollox biex issa japprezzawha aktar."*

Il-kontenut ta' dan il-ktieb jista' jservi bħala għodda siewja għall-istudenti li resqin għall-eżami taċ-Ċes u aktar u aktar għal dawk in-nies li jħossu l-ħtieġa li jkabbru l-għarfien tagħhom dwar art twelidhom.

# *ITTRI LI NIRĊIEVU MILL-QARREJJA . . .*

Għażiż Paul,
Prosit u niżżikhajr. Il-Folju Letterarju li sawwartu qed iżomm fil-għoli l-fjamma ta' Lsienna għażiż. Ibqgħu xerrduh, u għolluh għax jixraqlu. Bqajtu Maltin tassew. Alla jseddaq ħidmietkom.
**Mario Griscti**

Għażiż Paul,
Grazzi tal- kopja elettronika tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria li ġentilment tibgħatli ta' kull xahar. Nifraħ lilek u lill-membri tal-Grupp Letteratura Maltija li tant qegħdin tagħtu kontribut siewi biex l-Ilsien għażiż tagħna, il-Malti, jibqa' ħaj u f'saħħtu anki 'l barra minn xtutna. Il-folju huwa tassew interessanti u żgur li jservi ta' ħolqa li tgħaqqad flimkien kemm lill-kittieba kif ukoll lil dawk li jħobbu bħalna l-ilsien Malti. Jalla jkun hemm aktar żgħażagħ li jingħaqdu mal-Grupp u jieħdu mingħandkom il-ħeġġa li qiegħda tixprunakom biex taħdmu b'risq Ilsienna.
Grazzi, prosit u komplu b'din il-ħidma utieqa tagħkom.
**Carmel G. Cauchi**

Għażiż Paul,
Grazzi tal-folju, bħal dejjem ikollu ħafna affarijiet ta' interess għal min bħalna jħobb tant il-Letteratura. Kemm laqtitni dik il-kitba mill-blogg ta' Fr Montebello. Manwel Dimech persunaġġ li jaffaxxinani, aktar ma naqra dwaru, aktar nammirah.
Inselli għalik u grazzi tax-xogħol tant siewi li tagħmel b'risq il-Malti.
**Amanda Busuttil**

Għażiż Paul,
Kulmeta jasalli l-Folju tagħkom nammira ż-żelu li għandkom għall-Ilsien u għal-Letteratura Maltija. Komplu żommu din il-fjamma ħajja fost il-Maltin-Awstraljani. F'idejkom il-futur kemm dawn ser jibqgħu ħajjin. Xerrdu wkoll kemm tistgħu il-ktieb Malti! Prosit u awguri.
**Alfred Massa**

Għażiż Sur Vella,
Radd il-ħajr minn qalbi tal-folju tal-Grupp Letteratura Maltija li beda jasalli bħala hemża fl-email. Nieħu gost naqrah u niflih sewwa. Fuq kollox nitgħaxxaq nara l-Ilsien Malti ħaj fost ġemgħa etnika fl-Awstralja, li żgħira kemm hija żgħira, tidher ħabrieka, attiva u marbuta sħiħ mal-art ta' nisilha. L-ilsien nativ tagħna, il-ħsieb ta identita' komuni, jorbtuna bħal aħwa, lilkom f'art kbira u lilna f'ħolqa ta' gżira b'setgħat ukoll kbar. Nawguralkom l-aktar affarijiet sbieħ.
Tislijiet lil kulħadd.
**Joe Camilleri**

Għażiż Paul,
F'dan il-folju ta' Novembru hemm referenza għall-bilingwiżmu (Malti-Ingliż) f'Malta fl-ittra ta' Paul P. Borg. Fid-dinja tal-istudju, dan il-fenomenu ma jitqiesx ikrah, imma naturali. Il-bilingwiżmu Malti huwa uniku u naturali fostna fuq dawn il-Gżejjer f'nofs il-Mediterran. Iż-żewġ lingwi jdakkru lil xulxin u kaġun t'hekk il-Malti qed jistagħna u kapaċi jilqa' kull sfida tad-dinja moderna u futura. Bir-riżorsi li ġemma' matul is-sekli (mill-Għarbi, mill-Isqalli, mit-Taljan, u mill-Ingliż) il-Malti kapaċi jispjega kull kunċett li jeżisti u li jista' jeżisti 'l quddiem.
Qed ngħid dan kollu (fil-qosor, naturalment, għax wieħed jista' jikteb ktieb sħiħ fuq dan is-suġġett) għax intom il-Maltin tal-Awstralja qegħdin f'sitwazzjoni fejn tistgħu tikkontribwixxu sew għal dan l-iżvilupp ta' espansjoni.
Tislijiet.

**Prof Charles Briffa**
Department of Translation
Faculty Of Arts

Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# SUĊĊESS IEĦOR......

***(minn Korrispondent speċjali)***

Kif spjegaw iż-żewġ kelliema ewlenin fl-okkażjoni tal-lanċjar tal-ktieb GĦAD-DELL TAL-BALLUTA, is-Sur Gejtu Pace u Dr Ġorġ Boffa ,' Lanċjar ta' ktieb ġdid bil-Malti juri suċċess ieħor mhux biss għall-kittieb imma fuq kollox għall-kommunita' Maltija ta' N.S.W. u tal-Awstralja. Meta l-awtur jesplora aspett 'ġdid' ta' kitba bħal ma għamel Victor Vella, minn NSW, f'din il-ġabra tal-essejs, iżjed u iżjed għandna biex inkunu kburin.

Din l-okkażjoni sempliċi u qasira li għaliha attendew madwar 60 ruħ, li saret nhar l-Erbgħa 14 ta' Novembru, fetħet b'diskors ta' merħba mill-President ta' La Valette, is-Sur Gejtu Pace, fejn fisser ukoll l-iskop tal-okkażjoni u poġġiha fl-isfond kemm tal-kitba Maltija ta' N.S.W. u wkoll fl-isfond iżjed globali Malti billi għaqqad il-lanċjar mal-Festa tal-Ktieb li kienet qed issir Malta fl-istess ħin. Kif qal Gejtu, li avolja bogħod minn Malta għadna Maltin u għandna x'nikkontribwixxu għall-kitba/kultura Maltija.

Id-diskors tal-okkażjoni sar mit-Tabib Ġorġ Boffa li wara li spjega l-essej x'għamla ta' kitba hu, għamel apprezzament fit-tul tal-kitba ta' Victor b'enfasi fuq dan il-ktieb il-ġdid tiegħu. Dr Boffa wera li mhux biss hu awtur hu stess imma li hu kritiku wkoll għax daħal u tkellem fil-fond fuq il-lingwa li uża Victor f'dan il-ktieb, l-iżjed fuq l-għażla tal-kliem, u fuq is-suġġetti li huma ttrattati fil-GĦAD-DELL TAL-BALLUTA. Għamel enfasi fuq l-istil li uża l-awtur f'dawn l-essejs, speċjalment fuq it-tul u l-fond li bih is-suġġetti huma ttrattati li jgħinu biex il-qarrej jieħu pjaċir jaqrahom. Dan, skont Dr Boffa, jgħin biex il-qarrej ma jintilefx fit-tul tal-essejs u l-anqas fid-dettalji kultant 'akkademiċi' iżżejjed.

Din it-tema jkompli jisħaq fuqha l-awtur stess, meta Victor qam jitkellem u kompla jispjega u jispera li dawn l-essejs il-qarrej jieħu pjaċir jaqrahom kif ukoll jitgħallem xi ħaġa fuq dawn is-suġġetti differenti, suġġetti bħal ngħidu aħna..'Aħna kif aħna ..bħala Maltin' u fuq l-arti u fuq il-poeżija u l-bqija...Hemm ukoll suġġetti li huma parti mill-ħajja tagħna ta' bħalissa li nsibu taħt 'Kuxjenza u Konoxxenza' ...'It-Tbassir tal-Futur' u oħrajn.....Fid-diskors tiegħu Victor ta xi ftit tagħrif fuq u għaliex għażel l-isem tal-ktieb GĦAD-DELL TAL-BALLUTA. Spjega kif 'id-dell' (li għandu mis-SETAĦ!) hu l-post fejn il-Maltin iħobbu jistrieħu mill-qilla tax-xemx u forsi wkoll iħossu l-frisk tat-tramuntana. Xebbah din ir-roqgħa dell mal-pjazza, il-pjazza Maltija li ssibha f'kull belt u raħal, fejn in-nies jiltaqgħu, jixtru, jew ibiegħu, u fuq kollox ipaċpċu.... Kompla ta stampa kampanjola bi ftit drama ta' familja ta' bidwi żgħir Malti, u kif dari kienu jiltaqgħu għad-dell ta' siġra kbira tal-ballut (oak tree) biex jinfatru jew jieħdu biċċa ħobż jew biex jieħdu 'il-lunch' u jilletikaw u jitkellmu u jgħidu x'għadda minn għalihom ....speċjalment meta jgħaddi Ġamri ta' Tona.. jew Spiru ta' Kejli ... u .... jieqfu jgħidu kelma magħhom u jieħdu żebbuġa jew tnejn! Jien ngħid għalija ħassejtni qiegħed nara l-kwadru ta' 'Dejeuner sur l-herbe' (l-ikla fuq il-ħaxix), pittura famuża tal-Franċiż Claude Monet.! Victor għalaq billi għażel l-essej/storja favorita tiegħu 'Ritratt' (ta' ommu) u qara l-aħħar biċċa minnha. U....... rajt f'xi għajnejn demgħa jew tnejn!

Kien imiss liċ-ċkejkna Ruby Vella li daqqet 'Russian Melody' fuq il-lira jew *lyre*, li qisu arpa żgħira li kien jintuża ħafna mill-Griegi fl-antik. Victor għalaq is-serata billi irringrazzja lil kulħadd għas-sapport li urietu l-udjenza billi attendew. Fosthom semma lil Gail, waħda mill-ewwel studenti tal-Malti. Irringrazzja wkoll lil dawk li ħadu parti u li għenu biex l-okkażjoni isseħħ.

Mexxiet kollox is-Sinjura Rita O'Dwyer, li nafuha biżżejjed u l-iżjed il-vuċi tagħha ċara u mqita fuq l-SBS. Dan għamlitu bl-istil eleganti tagħha, mingħajr ħafna kliem, u b'kummenti li kienu jixirqu l-okkażjoni. Rita, ta' mara li hi, qalet l-aħħar kelma u stiednet lil dawk preżenti biex jagħtu ħarsa lejn il-ktieb il-gdid GĦAD-DELL TAL-BALLUTA, waqt li jieħdu *drink* u jgħidu kelma flimkien.

Biex nagħlaq nixtieq nirrepeti punt importanti li ssemma minn wieħed mill-kelliema rigward il-fatt li kien jistenna iżjed nies li għandhom għal qalbhom il-kitba Maltija imma li sfortunatament ma kienux preżenti. Jien ngħid għalija ħassejt in-nuqqas tal-istudenti u tal-għalliema tal-Malti għal okkażjoni bħal din, fejn barra li l-għalliem ikun jaf x'qiegħed jiġri fil-qasam tal-kitba Maltija jista' fuq kollox jitgħallem japprezza izjed il-kitba Maltija kemm mill-kitba u wkoll mill-kelma u mill-kummenti tal-kelliema prinċipali. Min-naħħa tal-istudenti jibqa' dejjem importani li huma f'dawn l-okkażjonijiet, li kemm dawk li għadhom jibdew kif ukoll min jaf ftit il-lingwa, ikun jista' jara u jħoss il-Malti x'inhu, u kif jista' jiġi użat f'okkażjonijiet formali .......bħal ma kien l-illanċjar ta' GĦAD -DELL TAL-BALLUTA ta' Victor Vella.

*(Infakkru li GĦAD-DELL TAL-BALLUTA jinstab għal bejgħ fil-Maltese Community Centre ta' Royal Parade u l-ewwel ħamsa hemm magħhom 2 CD's ta' Victor, "..Tfuliti man-Nanna" u "Tfuliti l-Mellieħa ", b'xejn.)*

# FREKWENZI ĦIEMDA

Frekwenza Ħiemda hija l-karba għall-imħabba li ma tinstabx. Frekwenza Ħiemda hija l-imħabba li titfittex u ma tinstabx. L-imħabba u s-sess mhumiex l-istess, daqskemm mhuwiex l-istess il-ġuħ u l-aptit. Fil-ġabra Frekwenzi Ħiemda, għandna analiżi tal-imħabba mixtieqa, l-imħabba miċħuda u l-imħabba abbużata.

Matul il-ġabra, it-tema rikorrenti tal-għeluq tinbidel f'metafora ċentrali li tinħass minn novella għal oħra. Il-bniedem li jinbidel f'għasfur ċkejken maqbud f'qafas: "Għasfur ċkejken jitħabat mal-ħadid irqiq tal-qafas kemxejn akbar minnu, jittama li jtir 'il barra minn hemm"; il-bniedem li jsib ruħu magħluq f'kamra-kaxxa: "Il-kamra ta' Red: kaxxa tal-ġebel iffurmata minn erba' ħitan bla bieb u bla twieqi, dejjem mudlama u siekta meta t-tifla ma tkunx hemmhekk, u kollha storbju ta' mużika punk meta appuntu, tkun fl-Imdina ffortifikata tagħha."; il-bniedem li jinbidel fi xbieha ta' mħabba quddiem il-ħolm tiegħu stess: "Dik il-mara taħt driegħi kienet tiegħi, u tiegħi biss. U hekk kif kont lest li nagħfas l-imgħażqa tiegħi għall-aħħar darba sabiex inkun nista' nferrex iż-żerriegħa mad-dawra ta' fjur sbuħitha, hekk kif kont għoddni ħa nasal biex illesti dak il-kapulavur, ħarist lejn wiċċha, u ntbaħt li taħti ma kienx hemm iktar Nella. Taħti kien hemm mostru li hekk kif ħarist lejh iktar mill-qrib indunajt li ma kien ħadd għajr Oscar Vassallo."; il-bniedem li jinġarr mill-kurrenti tal-gidba: "dak il-lejl bl-ebda mod ma stajt norqod. Hekk kif kont qed nitqalleb fis-sodda tiegħi, ħsibijieti bdew imorru lura lejn dak in-nofstanhar li qattajna flimkien. Ikolli nistqarr li ta' spiss hi l-kuxjenza li żżommni mqajjem, dik l-istess kuxjenza li tfakkarni li dak li qed nagħmel huwa ħażin. Jiena wegħidt li naqdi lil Alla u mmexxi l-merħla li fdali f'idejja. U biex dan il-kmand inkun nista' nwettqu aħjar intrabatt għal għomri kollu bil-vot taċ-ċelibat.", hu l-bniedem komuni li jitħabat għall-ħajja, allura għall-imħabba li tixraqlu, imma li hija biss miraġġ 'il bogħod.

Għalhekk kull karattru f'din il-ġabra huwa l-istess karattru, imdawwar bi xbihat oħrajn bħalu imma differenti, tal-anqas fid-dehra esterna. Dan iwassal biex Frekwenzi Ħiemda jidher bħala collage li jikxef soċjetà li kulma taf tagħmel huwa li ssikket lil min jipprova jeżaminaha, u taħt it-tapit tal-Frekwenzi Ħiemda mingħalih jaħbi l-veritajiet li huma kollox minbarra ħiemda.

L-awturi Grima u Schembri, b'novella kontemporanja xi kultant ibbażata fuq il-poeżija, nieqsa mill-komunikazzjoni diretta għax hekk hi s-soċjetà, miżgħuda bi kliem ħażin u xeni saħansitra pornografiċi, isemmgħu l-Frekwenzi Ħiemda li għal ħafna għandhom jibqgħu ħiemda.

Justin Schembri, 30, huwa għalliem tal-Malti fil-livell sekondarju. Frekwenzi Ħiemda l-ewwel ktieb tiegħu. Jikteb kemm poeżija kif ukoll proża, u għaldaqstant, Frekwenzi Ħiemda jlaqqa' dawn iż-żewġ ġeneri fi stil ta' kitba mibni fuq il-poeproża, iżda b'mod żviluppat. Schembri huwa ggradwat fil-Malti u beħsiebu jkompli l-istudji tiegħu fil-qasam politiku.

Tyrone Grima, 36, jaħdem bħala Assistent Kap ġo skola tal-Knisja. Dan huwa t-tieni xogħol ippubblikat tiegħu. Fil-fatt fl-2007 Grima ħareġ l-ewwel rumanz tiegħu bil-Malti Celibacy. Apparti l-imħabba għal-letteratura, Grima huwa involut ħafna fid-dinja teatrali. Kiteb bosta xogħlijiet għal fuq il-palk li ġew diretti minnu stess. Grima huwa wieħed mill-fundaturi tal-kumpanija lokali Theatrencore. Għal din il-kumpanija dderieġa għadd ta' drammi fosthom Bariona ta' Sartre, Exit the King ta' Ionesco u Romeo and Juliet ta' Shakespeare. Grima huwa ggradwat fil-Franċiż u t-Teatru. Bħalissa qiegħed jistudja biex jikseb dottorat fit-Teoloġija fil-qasam tal-Ispiritwalità. Ir-riċerka hija ffukata fuq il-kitibiet ta' Simon Weil.

*(Nixtieq nirringrazzja lil Joe Borg minn Malta li bagħtli dan ir-rapport)*